



# L-Aġjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prassi: Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Parteċipanti fit-Taħriġ u l-Effett tal-Attivitajiet ta' Taħriġ

Tip ta' prassi: Prassi Promettenti

Pajjiż: Il-Ġermanja

April 2014

Titolu tal-prassi	Valutazzjoni fit-Tul ta' Attivitajiet ta' Taħriġ
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Fil-<b>Ġermanja</b>, xi Stati Ġermaniżi żviluppaw kwestjonarji speċifiċi biex jivvalutaw is-suċċess ta' tagħlim fit-tul - pereż. ir-riżultati pożittivi tat-taħriġ fuq il-ħiliet professjonali tal-parteċipant u l-konsegwenzi tiegħu fuq il-funzjonament tal-qorti jew is-servizz tal-prosekuzzjoni tagħhom.</p> <p>Applikat għall-korsijiet ta' taħriġ modulari, din il-prattika tantiċipa li matul it-tieni modulu il-parteċipanti jiġu mistoqsija domandi speċifiċi ħafna dwar l-effett fit-tul tal-kompetenzi żviluppanti matul l-ewwel modulu li seħħ xi ftit xhur qabel, dwar: a) suċċess tat-tagħlim fit-tul, b) kwalunkwe bidliet fl-imġieba professjonali tal-parteċipanti, u c) il-possibbiltà ta' riżultat pożittiv li seta' kellhom dawn it-tidiliet għall-qrati rispettivi jew l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni.</p> <p>Bħalissa qed tiġi kkunsidrata skema simili għall-implimentazzjoni f'seminars jew sensiela ta' seminars fuq livell nazzjonali.</p>
<i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i>	<p>German Judicial Academy  Trier Conference Centre (Institute of the Federal State of Rhineland-Palatinate)  Berliner Allee 7  D-54295 Trier, Germany  Telefown: + 49 65 1 93 61 119  Il-faks: + 49 65 1 30 02 10  Indirizz elettroniku: <a href="mailto:trier@deutsche-richterakademie.de">trier@deutsche-richterakademie.de</a>  Sit elettroniku: <a href="http://www.deutsche-richterakademie.de">http://www.deutsche-richterakademie.de</a></p> <p>Wustrau Conference Centre (Institute of the Federal State of</p>

	<p>Brandenburg) Am Schloss 1 D-16818 Wustrau, Germany Telefown: + 49 33 92 5 8 97 333 Il-faks: + 49 33 92 5 8 97 202 Emejł: <a href="mailto:wustrau@deutsche-richterakademie.de">wustrau@deutsche-richterakademie.de</a> Sit elettroniku: <a href="http://www.deutsche-richterakademie.de">http://www.deutsche-richterakademie.de</a></p>
<p><i>Kummenti oħrajn</i></p>	<p>Il-prassi deskritta tikkumplimenta għodod u metodi standard oħra li qed jintużaw bħalissa (u tirreferi għal-livelli 1 u 2 tal-mudell ta' evalwazzjoni tat-taħriġ Kirkpatrick). Il-mekkaniżmu msemmi hawn fuq ġeneralment ikopri il-livelli Kirkpatrick 3 u 4. Jidher li ġie implimentat b'suċċess f'bosta Stati Ġermaniżi u dalwaqt se jiġi estiż fuq skala nazzjonali.</p> <p>Huwa meqjus bħala <b>PRASSI PROMETTENTI</b>. Għandu trasferibbiltà tajba u huwa ferm rakkomandat kull meta jkun isir taħriġ f'diversi moduli f'intervalli relattivament twal.</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)